Żebbuġ: Min jiġi għall-inkisser!

Dawn li ġejjin issa bagħathomli l-Kjerku Toninu Xiberras miñ-Naxxar, li kitibli hekk "Dawn li ġejjin ma jidhrux f'li kont ġibt inti fil-*Leħen il-Malti* għadd 123-124 u 128-132. Xi għajat li ġibt hawn jew għandhom jinżiedu ma' dawk tiegħek jonkella huma ġodda għal kollox."

Qastan: In-nejja kollha tajba! (meta tkun nejja.) Meta tkun infurnata jgħajtu hekk: L-infurnata reġgħet ġiet! Erba' (ħabbiet) il-kejla, erbagħejn siegħ! Ara taħraqlek il-wejda!

Laringġ: Ta' Malta l-laringġ! Tihem il-laringġ! Dari kienu jgħajtu hekk: Habba u tnejn tlieta (¼d.) u agħżel!

Vopi: Vopi ħajja ħej! Min jixtri l-vopi! Għadha ġejja!

Pastu: (fit-Tijatrini) Min hu bil-ġuħ! Ara sitta pasta!

Qara' bagħli: Karkariż il-bagħli!

Melħ: Sold u nofs siegħ melħ!

Tjur: X'ibigħuli! (fl-irħula jgħaddu bil-karrettun armat b'xi poni jew bil-mixi bil-ħorġ mitfugħ fuq kitfejhom)

Pastizzi: Ara min jiekol! Bl-inċova shan!

Biljetti tal-Lotterija: (fil-fieri) Ara x'hawn għal sold! Min jieħdu ta' l-aħħar! Bis-sold tieħu xelin!

Ċiċri tal-qatta (jew ħadra): Qatta ċiċri fiha kejla!

Ċawl: Ċawl min jaqli ħej!

Makku: Għandu l-makku! Għall-frajjeġ il-makku!

Sallur ħaj: (tal-ilma ħelu) Sallur għall-bir!

Egħriebel: Min inbigħlu għarbiel bir-rħis! (Kienet tgħaddi mara mill-misraħ tar-raħal, bil-karrettun, tgħajjat dejjem hekk mingħajr ma tieqaf).

Palji: (tat-Tork) Palju sold! Palju sold!

Lakumja u ħabbażiż: Għandu l-lakumja! Xi kaxxa lakumja! Ħabbażiż!

FRAK

Għarbel sewwa qabel tikteb,
għal kull semm qiegħed il-lqugħ:
Qis li dak li sejjer tberraħ,
ma jisfax għal għajrek dmugħ!
Kliem il-Haqq, hu kelmet Alla:
qatt ma sefa' deni 'l ħuh.
X'tiswa l-kelma ħielsa f'fommok?
X'tambih, l-għerf ta' Salamun,
Wil-moħħ tajjeb ta' Origene,
Jekk m'għandekx is-Senskomun??!

R. M. B.